Hal Tarxien

# Rapport Amministrattiv 2011

**Laqgha Pubblika Kunsill Lokali Tarxien**

**Il-Hamis 22 ta'Marzu 2012**

**RAPPORT FINANZJARJU**

---

Il-Kunsill ta'Hal Tarxien din is-sena ser ikompli fuq il-hidma ta'tisbieh fil-lokalita ta'Hal Tarxien. L-ewwel prijorita tal-Kunsill hija li jkompli l-progetti li ga nbdew u jibda wkoll progetti kapitali godda. Ghaldaqstant din is-sena sar budget iffukat biex igedded il-kuntratti rikorrenti, jigifieri bhal kuntratt tal gbir tal-iskart, gbir ta'skart goff, tindif tal-lattrini, tindif u manteniment tal-gonna pubblici, kuntratt tal-iskips, bankini, insurance tal-Kunsill, zebgha u sinjali tat-traffiku u provediment tal-konkos fost diversi kuntratti ohra.

Il-Kunsill ta'Hal Tarxien ser ikompli jalloka ammont sustanzjali ta'flus ghat-tiswija ta'toroq. Ghall dan il-ghan il-Kunsill ghadu kemm hareg tender ohra ghall provediment ta' boroz tal-cold asphalt. Billi l-Kunsill ghandu l-hsieb jiffoka l-hidma tieghu biex kemm jista'jkun jaqdi l-bzonnijiet u complaints li jidhlu harget tender ohra ghax-xiri ta'van biex ikun jista'jigi wzat mill-haddiema assenjati mall-Kunsill. Hawnhekk ta'minn isemmi li l-haddiema qeghdin kontinwament jaghmlu xoghol ta'kull tip madwar Hal Tarxien kollu u ghaldaqstant il-Kunsill jiffranka eluf kbar ta'flus milli joqghod kull darba johrog tender ghad-diversi xogholijiet differenti li jkun hemm bzonn.

**Progetti.**

Bhala progetti kapitali li gew imnedija din is-sena nsibu:-

1. Sqaq Santa Marija
2. Zejtun Street

3. Ix-xelter tal-Gwerra
4. Il-Progett tat-Turizmu
5. Il-Progett tal-PPP u
6. Triq Napuljun.
7. Rigenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern.

Dawn il-progetti kapitali kollha ghandhom ikunu lesti sal-ahhar ta'din is-sena finanzjarja minbarra l-progett tal-Public Private Partnership li ta'minn isemmi li ghalkemm il-Kunsill ilu li ghamel il-process kollu biex jitnieda dan il-progett u sahansitra inghata l-fondi minghand il-Gvern Centrali. Il-kuntrattur li inghata t-tender biex jibda x-xoghol ghogbu jibghatilna ittra fi Frar li ghadda fejn informa lill Kunsill li mhux f'posizzjoni li jwettaq ix-xoghol habba problemi finanazjarji.

Ghaldaqstant l-ewwel fazi ta'dan il-progett li jkopri erbatax il-triq f'Hal Tarxien ghadhom ma'bdewx. Minkejja dan id-dewmien kollu, kif ga accennajt hawn fuq, il-Kunsill xorta wahda ha hsieb jippeccja u jsewwi dawn l-istess toroq temporanjament biex kemm jista'jkun titnaqqas l-inkonvenjenza lir-residenti. Ta'minn isemmi wkoll li kif titlesta l-ewwel fazi ta'dan il-progett u naslu ghat-tieni fazi, hemm ippjanat li jsiru hdax il-triq ohra – b'hekk jkun saru 25 Triq f'Hal Tarxien. Progett ambizzjuz li huwa fattwali -imma minkejja l-process amministrattiv li jiehu zmien biex isir wasalna biex inwettquh – dejjem jekk insibu kuntrattur li jidhol ghalih.

Rigward il-porgett tar-rigenerazzjoni f''oqsma tal-Binjiet tal-Gvern, il-Kunsill insista mal-awtoritajiet u irnexxilu jikseb l-ammont sabih ta'€75,000, fondi li ser jissebbah l-akkwati ta'bejn blokk 3 u blokka 4. Hemmhekk hemm il-hsieb li jsir pavimentar mill-isbah u restawr tac-cnut u hitan li jdawwru l-istess binjiet flimkien ma' accessibilita permezz ta'rampi zghar ghall anzjani, ommijiet bil- puschair u persuni b'dizabilita. Hemm ukoll il-hsieb li flimkien ma'dan il-progett nabbinaw progett iehor fejn noholqu parkegg ghar-residenti tal-istess blokki. Biex jitwettaq dan intalbet l-ghajnuna ta' Dr Jason Azzopardi biex tigi devoluta bicca art fin-naha ta'gewwa tal-blokka fejn prezentament l- art indikata ghall-dan il-progett tinstab fi stat ta'abbandun. Hawnhekk hemm il-hsieb li jsir parkegg ghar-residenti tal-blokki. Il-fondi gew approvati, t-talba tad-devoluzzjoni saret u ghaldaqstant kif ikollna il-"Go Ahead" mil-Awtorita tal-Housing nibdew nahdmu fuq dan il-proget ukoll.

**Finanzi.**

Il-Kunsill din is-sena beda bilanc posittiv li gie carried forward mis-sena l-ohra ta'€230,000. Dan l-ammont huwa maghmul mis-somma allokata mill-Gvern biex isiru t-toroq imsemmija hawn fuq u mill-ghaqal tal-Kunsill biex ikollu bizzejjed flus halli nwettqu dawn id-diversi progetti kapitali.

Ghaldaqstant il-Kunsill kull sena jigi allokat is-somma ta'€462,000. Dawn flimkien mas-somma msemmija hawn fuq ta'€230,00 u kif titwettaq l-ewwel fazi tal-progett tat-toroq niehdu t-tieni allokazzjoni finanzjarja ta' €45,000. Il-Kuntratti rikorrenti jammontaw ghall- €81,000 fis-sena u biex jopera l-Kunsill irid is-somma ta'€370,000. B'hekk wiehed jinnota li l-Kunsill ta'kull sena ghandu sfida biex ikompli jonora l-kuntratti rikorrenti bi spejjez dejjem tilghin, spejjez amministrattivi li jinkludu l-pagi, spejjez u xiri ta' zebgha ghat-tisbieh, hlas ta'dawl u ilma etc li bhal kull entita ohra jizdidulha. Minhabba dan, il-Kunsill haseb halli jkollu fondi bizzejjed biex iwettaq id-diversi progetti godda li elenkajt hawn fuq. Progetti ambizzjuzi imma kif ga spjegajt bil-ghaqal u l-hidma sfiqa tas-Sindku flimkien mal-Kunsilliera u bil-partecipazzjoni tal-Gvern mal-privat ghandhom jitwettqu sal-ahhar tas-sena.

**Segretarju Ezekuttiv**
**Paul Pace**